MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1169/2003

**Anthony Vella**

**Vs**

**Joseph Farrugia u b'digriet tat-Tribunal tal-4 ta' Mejju, 2004 gie msejjah fil-kawza Bernard Cachia**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' hames mija u tlett liri Maltin (Lm503) rapprezentanti kwantu ghal mija u tmienja u hamsin lira Maltin (Lm158) ghall-hlas ta' tqeghid ta' madum, mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm165) hlas ta' madum, sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm26) hlas ta' Perit, hamsa w erbghin lira Maltin (Lm45) prezz ta' cement u

ramel, tnax-il lira Maltin (Lm12) kiri ta' skip, hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) garr ta' fridges, hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) kiri ta' high-up, seba' liri Maltin (Lm7) prezz ta' grouting u erbghin lira Maltin (Lm40) hlas ta' mutur tal-bank.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex mhux minnu li l-madum mibjugh u kkonsenjat kien difettuz.

Sema' x-xhieda ta' Anthony Vella, Raymond Bongailas u tal-Perit Kevin Abela.

Ra d-digriet tal-4 ta' Mejju, 2004 li fuq talba ta' l-attur gie msejjah fil-kawza Bernard Cachia.

Ra r-Risposta ta' Bernard Cachia li biha wiegeb li m'huwiex il-legittimu kontradittur stante li l-bejgh gie konkluz mal-konvenut Joseph Farrugia tramite iben l-istess konvenut.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess m'huwiex minnu li l-madum mibjugh u kkonsenjat kien difettuz.

Illi l-kjamat in kawza ma kkawza ebda danni lill-attur u t-talba attrici ghandha rigettata.

Sema' x-xhieda ta' Joseph Farrugia, Bernard Cachia u tal-Perit Godwin Abela.
Ra r-rapport tal-Perit Tekniku mahtur minn dan it-Tribunal, il-Perit Godwin Abela u x-xhieda moghtija minnu in eskussjoni.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Reno Borg ghall-attur u ta' Dr Dominic Cassar ghall-kjamat in kawza.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur xtara minghand Bathroom Gallery konsenja ta' madum komplessivament ammontanti ghall-prezz ta' mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm165) u mill-istess dokumenti esebiti jirrizulta li l-VAT receipt relattiva li tikkoncerna lil Bathroom Gallery hija fuq Bernard Cachia u Joseph Farrugia personalment. Fid-dokumenti fejn tissemma' Bathroom Gallery m'hemm l-ebda ndikazzjoni ta' xi persuna ohra.

Jirrizulta illi wara li sar ix-xoghol hargu certu difetti konsistenti fi tbajja fil-madum b'rizultat tal-grouting u l-vertenza bejn il-partijiet hija jekk il-problema qamitx minhabba l-grouting jew minhabba li l-madum seta' kien difettuz. Illi ghal dan il-ghan gie mahtur Perit Tekniku, l-Perit Godwin Abela li kkonkluda:

"…li l-madum Gres mixtri mill-attur kien ta' kwalita' nferjuri billi gie ppruvat illi l-fattura ta' *absorption* kien gholi wisq u b'hekk il-madum ma kienx ta' *standard* accettabbli li normalment hu relatat ma' madum ta' dan it-tip u ghal dan l-uzu."

Illi fix-xhieda tieghu tal-14 t'April, 2005 il-Perit Abela kkonferma li huwa bbaza l-opinjoni tieghu fuq dak li kien rizultanti fil-process fil-mument li gie moghti l-inkarigu tieghu. Hu zied jghid illi meta l-manifattur jaghmel il-madum, huwa jimmanifattura l-madum skond certu *specifications*. Huwa kkonferma li m'ghamilx testijiet ulterjuri biex jara jekk il-madum fl-ewwel lok jilhaqx l-i*specifications*, jigifieri jekk il-madum jilhaqx l-i*specifications* u dan ghaliex fl-atti m'hemmx indikat x'inhuma l-i*specifications* tal-madum partikolari.

Illi mill-premess jidher car li l-madum mertu tal-kawza kien difettuz billi kellu *absorption rate* aktar milli kellu jkun tenut kont ta' l-uzu li ried isir mill-istess madum u li minhabba f'hekk hargu tbajja mertu tal-kawza.

Ir-responsabbilta' ghat-tali difetti tinkombi fuq il-venditur u, skond id-dokumenti esebiti jirrizulta illi ghandha taghmel tajjeb Bathroom Gallery u mill-VAT receipt jirrizulta wkoll illi din hija ntestata fuq Joseph Farrugia u Bernard Cachia,

cjoe’ l-konvenut u l-kjamat in kawza fil-kapacita’ taghhom personali.

Issa l-kjamat in kawza jsostni illi fil-fatt hemm zewg kumpaniji li ghandhom ikunu nvoluti u cjoe’ l-MRCD Limited u s-Cerfar Limited izda f’dan ir-rigward it-Tribunal jidhirlu illi din l-eccezzjoni m’ghandhiex tigi akkolta u dan billi apparti l-fatt li mid-dokumenti ufficjali moghtija lill-kompratur tali kumpaniji ma jirrizultawx, jinghad ukoll illi fl-ebda hin u waqt it-transazzjoni tal-bejgh ma ssemmew dawn il-kumpaniji u ghalhekk l-attur kien ben gustifikat illi jzomm lill-konvenut u lill-kjamat in kawza personalment responsabbli.

Il-fattur l-iehor li ghandu jigi kkunsidrat hija l-entita’ tar-responsabbilta’ tal-konvenut u tal-kjamat in kawza. L-attur qieghed jitlob mhux biss rifuzjoni tal-prezz li hallas ghall-madum izda anki l-ispejjez minnu nkorsi sabiex iqieghed l-istess madum.

It-Tribunal jidhirlu li dawn huma spejjez normali in konnessjoni mat-tqeghid ta’ madum u ghalhekk huwa gust u ekwu li l-konvenut u l-kjamat in kawza ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom ukoll.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tal-kjamat in kawza, jilqa’ t-talba ta’ l-attur u jikkundanna lill-konvenut u lill-kjamat in kawza in solidum bejniethom sabiex ihallsu lill-attur l-ammont ta’ hames mija u tlett liri Maltin (Lm503) bl-ispejjez. L-interessi jibdew jiddekorru mid-data ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------